# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 2325/2000/5**

**Joseph Camilleri u s-soċjetà Kiss Live FM Limited, għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Joseph Grima u Grima Communications Limited u b'digriet tas-16 ta' Ġunju 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Dr Lynn Zahra u bintha Chase Zammit**

1. Din hija sentenza dwar talba li saret b'rikors preżentat fit-13 ta' Ġunju 2023 minn Dr Lynn Zahra u Chase Zammit (minn issa 'l quddiem imsejħa «l-atturi»[1] jew "ir-ritrattandi») għat-tħassir tas-sentenza mogħtija

[1] Il-liġi stess, fl-artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, issejjaħ lil min jistitwixxi proċeduri ta' ritrattazzjoni bħala «attur». Il-ġurisprudenza tagħna wkoll b'mod konsistenti qieset li r-ritrattazzjoni m'hijiex kontinwazzjoni tal-kawża li wasslet għas-sentenza mpunjata, iżda azzjoni ġdida, u min jagħmilha għalhekk jitqies attur, irrispettivament mill-kwalità li kellu fil-proċeduri oriġinali (ara ***Luigi Bonnici proprio et nomine ed altri vs. Pasquale Farrugia ed altri***, Prim'Awla, 11/7/1883 –

mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu 2023 «*u dan a tenur tal-artikolu 811(l) u/jew (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u limitatament fejn din iddeterminat li l-imgħaxijiet huma dovuti mid-data tal-ewwel sentenza u minflok tordna li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu mid-data tan-notifika lilu tal-kontro-talba; tordna li l-appell jiġi trattat mill-ġdid; u tiddeċiedi l-kawża finalment billi takkolji l-appell tal-attur referibilment għas-surreferit, u kwindi tordna li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu mid-data tan-notifika lilu bil-kontro-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenuti*».

2. Il-proċeduri oriġinali nbdew minn Joseph Camilleri u s-soċjetà Kiss Live FM Limited, għal kull interess li jista' jkollha (minn issa 'l quddiem «il-konvenuti» jew «ir-ritrattati»), b'att ta' ċitazzjoni preżentat fit-23 t'Ottubru 2000. Permezz ta' dak l-att, huma talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jogħġobha:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kambjali kollha accettati mill-attur Joseph Camilleri u konsenjati minnu lil-konvenuti in konnessjoni mal-ftehim tat-2 ta' Frar 1995, liema kambjali jigu identifikati fil-kors ta' din il-kawza, ma ghadhomx jikkostiwixxu titolu ta' hlas favur il-konvenuti jew min minnhom izda biss garanzija ta' twettieq u l-ezekuzzjoni tal-obbligi gravanti lil-attur skond il-ftehim ta' terminazzjoni konkluz f'it-2 ta' April 1996.
>
> 2. Tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-imsemmi ftehim tat-2 ta' April 1996, u gravanti lill-atturi illi ghadhom ma gewx ezegwiti mill-istess atturi u, okkorrendo wara illi taghti dawk l-ordnijiet illi jkunu xierqa dwar l-ezekuzzjoni ta' tali obbligi u okkorrendo ukoll wara illi tillikwida u tistabilixxi il-valur tal-obbligi residwali hekk iddikjarati bhala mhux ezegwiti mill-atturi, tawtorizza lill-konvenuti jew min minnhom sabiex

Kollezz. Vol.X.177; ***Mildred Ferando vs. Loris Bianchi proprio, kif ukoll fil-kwalità tiegħu ta' Eżekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi***, Appell Inferjuri, 12/5/2003; ***Avukat Dottor Louis Bianchi et vs. John Azzopardi***, Appell Inferjuri, 1/6/2000 – Kollezz. Vol.LXXXIV.ii.1483; ***Kevin Attard vs. MCE Limited et***, Appell Inferjuri, 26/4/2012).

jzommu fil-pusses taghhom bhala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-atturi f' tali obbligi, dawk il-kambjali illi jigu appozitament identifikati minn dina l-istess Qorti, illi jigu mizmuma mill-istess konvenuti jew min minnhom taht dawk il-kondizzjonijiet li jigi stabiliti mill-istess Onorabbli Qorti u li jirregolaw l-uzu u l-prezentazzjoni taghhom mill-konvenuti ghall-pagament.

3. Tordna lill-konvenuti sabiex jirritornaw u jikkonsenjaw lill-attur Joseph Camilleri il-kambjali hekk accettati mill-istess attur u li ghadhom fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom illi l-konvenuti ma jigux awtorizzati minn dina l-Qorti illi jzommu fil-pussess taghhom b' effett tat-talba precedenti.

4. Tinibixxi lill-konvenuti milli jaghmlu uzu mill-kambjali imhollija fil-pussess taghhom minn dina l-Qorti bhala pretenzjoni ta' hlas jew altrimenti milli jiggiraw favur terzi jew b' xi mod iehor jikkostitwixxu favur t-terzi titolu ta' hlas kontra l-attur Joseph Camilleri, hlief taht dawk il-kondizzjonijiet u f' dawk ic-cirkostanzi illi jigu stabiliti appozitament minn dina l-Qorti kif mitluba f' din l-istanza.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tar-rikors ghall-urgenza ppreszntata kontestwalment, kontra il-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

3. Dan l-att ta' ċitazzjoni sar fil-konfront ta' Joseph Grima u Grima Communications Limited, li wieġbu b'nota tal-eċċezzjonijiet preżentata fis-27 ta' Diċembru 2001. Man-nota tal-eċċezzjonijiet, huma ressqu wkoll rikonvenzjoni, li biha talbu lill-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jogħġobha:

"1. Tiddikjara li l-istess attur rikonvenzjonat huwa responsabbli ghad-danni: a) tat-telf ta' dhul sofferti mill-konvenut Joseph Grima meta l-attur ma riedx jew ma setghax ikompli jhaddem il-kuntratt tat-2 ta' Frar 1995, b) ghall-dawk il-pagamenti mensili li kienu dovuti u li sa mument tar-recissjoni tal-kuntratt kienu ghadhom ma gewx onorati mill-attur, c) id-danni kollha li l-attur ikkaguna lis-socjeta konvenuta waqt li kien qieghed jamministra hu inkluzi fosthom: dritt ta rivalsa tal-ispejjez personali li l-attur hallas mill-kont tas-socjeta Grima Communications, dritt ta' rivalsa tal-flus li dahhal f'isem il-kumpanija bhala CET jew VAT u li l-attur dahhal f'butu minflok hallashom lid-Dipartiment tal-VAT, hlas ta kontijiet ohra li l-attur dahal responsabbli ghalihom matul l-amministrazzjoni tieghu

tal-kumpannija bhal kontijiet tat-telfons u ta dawk personali tal-mobile li baqa ma hallasx u d) tad-danni ghal hsara u serq ta' equipment tal-kumpanija min nies li kienu jgawdu l-fiducja tieghu waqt li kien qieghed imexxi l-kumpanija hu.

2. Tillikwida d-danni kkagunati jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ghal hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

4. Il-konvenuti ritrattati kkontestaw dawn it-talbiet rikonvenzjonali b'nota tal-eċċezzjonijiet li ġiet preżentata fl-14 ta' Jannar 2002.

5. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet mill-kawża b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2021, li permezz tagħha pprovdiet kif ġej:

"Konsegwentement qegħda tiddisponi mit-talbiet u l-eċċeżżjonijiet kif ġej:

Tilqa l-ewwel talba attriċi kif ingħad;

Tilqa t-tieni talba attriċi limitatament kif se jingħad tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-ftehim tat-2 ta' April, 1996, u gravanti lill-atturi li għandhom ma ġewx ezegwiti mill-istess atturi fl-ammont ta' €88.500, u tawtorizza lil konvenuti jew minn minnhom iżommu fil-pussess tagħhom bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-atturi f'tali obbligi, dawk il-kambjali biss ammontanti għal din is-somma indikata.

Tiċħad dik il-parti tat-tieni talba fejn ġie mitlub li jiġu ddentifikati l-kambjali relattivi għax mhux ċar għalija liema jekk qattx ġew ritornati lura xi kambjali a saħħa ta' pagamenti effettwati, ħlief għal dawk identifikati mill-istess attur u annessi ma din il-kawza fl-ammont ta' Lm21,250.

Tilqa t-tielet talba attriċi b'dan lil konvenuti et. għandhom jirritornaw u jikkonsenjaw lil Joseph Camilleri dawk il-kambjali rimanenti fil-pussess tagħhom oltre dawk ġia ddentifikati u oħrajn li komplessivament iwasslu għas-somma hekk

likwidata ta' €88.500, li għandhom jagħmlu tajjeb għal-obbligazzjonijiet residwali appena likwidati.

Tilqa r-raba' talba fit-totalita' tagħha n kwantu l-kambjali li għandhom jibqu fil-pussess tal-konvenuti et. għandhom ikunu biss bħala garanżija ta' ħlas ta' l-obbligi residwali likwidati.

Illi konsegwenza ta' hekk tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ta' Grima et. għat-talba prinċipali billi tiċħad l-ewwel waħda (il-kawzi kollha bi ftehim instemgħu flimkien)

Tilqa t-tieni u t-tielet sakemm kompatibbli ma dan appena deċiż. Tiċħad l-kumplament li jibqa.

Fil-konfront tat-talbiet rikonvenzjonali tiċħad ukoll it-talbiet (a) u (b) ta' l-ewwel talba fir-rikonvenzjoni ta' Grima et. għar-ragunijet premessi u fil-konfront ta' l-istess kontro talba tilqa l-ewwel talba biss fil-konfront ta' dawk li jidhru fil-paragrafu c) u d) ta' l-istess u dan in linea mat-talbiet attriċi kif deċiżi;

Fil-konfront għall-eċċezzjonijiet għal kontro-talba, kif ingħad tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet.

In vista tal-komplessita' ta' dawn il-proċeduri fuq bażi fattwali, it-tul taż-żmien li ttieħed tqies li kull parti għandha tbaghti l-ispejjez tagħha."

6. L-atturi ritrattandi ressqu appell minn din is-sentenza b'rikors tat-2 t'Awwissu 2021, li bih talbu lil din il-Qorti, kif diversament komposta, sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi: (i) tillikwida somma ferm akbar ta' danni sofferti minnhom għas-serq tal-fondi tas-soċjetà konvenuta u ħsarat u serq tal-apparat, (ii) tilqa' l-kontro-talba bin-numru a) u tordna u tillikwida danni addizzjonali għall-ħall tal-ftehim mill-attur, (iii) tordna u tillikwida danni addizzjonali għall-kontro-talba nkluża fin-numru a) u ċjoè għat-telf tal-qligħ mill-konsulenza mal-ħall tal-kuntratt, (iv) tordna l-ħlas tal-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra ġudizzjarja notifikata lill-attur jew

mid-data tal-kontro-talba sad-data tal-pagament effettiv, (v) tiddikjara li l-kambjali li għandhom fil-pussess tagħhom jikkostitwixxu titolu eżekuttiv jew (vi) tiddikjara li l-istess kambjali jikkostitwixxu biss garanzija ta' ħlas u tordna lill-attur biex iħallashom is-somma likwidata favur tagħhom bl-imgħax, u (viii) tordna li l-attur għandu jbati l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

7. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu 2023, din il-Qorti, dejjem diversament komposta, iddisponiet minn dak l-appell billi:

> "...filwaqt li tilqa' limitatament ir-raba' aggravju tal-appellanti u tordna lill-attur iħallas l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti flimkien mal-imgħax legali li għandu jiddekori mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti sad-data tal-pagament effettiv, tiċħad il-bqija tal-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.
>
> L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu inkwantu għal kwint ($^{1}/_{5}$) mill-appellat u erbgħa minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) mill-appellanti"

8. Kif diġà ntqal, l-atturi ritrattandi issa jridu t-tħassir tas-sentenza tad-29 ta' Marzu 2023 u dan limitatament għal dak il-kap li jirrigwarda l-imgħaxijiet akkordati lilhom. Ir-rikors tagħhom għar-ritrattazzjoni tal-appell ġie notifikat lill-konvenuti ritrattati, li wieġbu fit-22 ta' Diċembru 2023 billi taw ir-raġunijiet għaliex skont huma t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda.

9. Inżamm smigħ fit-18 ta' Ġunju 2024 li matulu d-difensuri tal-kontendenti għamlu sottomissjonijiet bil-fomm.

10. Il-fatti tal-każ, sa fejn huma rilevanti għall-proċeduri li qed jiġu deċiżi llum, jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

- "jidher li l-konvenuti ritrattati kienu fi Frar tas-sena 1995 daħlu fi ftehim ma' Joseph Grima u s-soċjetà Grima Communications Limited dwar it-trasferiment tal-ishma fis-soċjetà Grima Communications Limited, li kellha l-kontroll u l-ġestjoni ta' stazzjon tar-radju. B'ittra tas-16 ta' Marzu 1996, il-konvenuti però għażlu li jinħallu minn dan il-ftehim, liema għażla jidher li ġiet aċċettata minn Grima;

- il-partijiet għalhekk kienu resqu għal ftehim ieħor datat 2 t'April 1996 li bih kellhom jirregolaw it-terminazzjoni tal-ewwel ftehim, kompriżi l-obbligazzjonijiet tal-konvenuti ritrattati;

- bejn il-konvenuti ritrattati u Joseph Grima u s-soċjetà Grima Communications Limited inqalgħet tilwima dwar x'kienu l-obbligazzjonijiet residwali tal-konvenuti ritrattati wara x-xoljiment tal-ftehim. Grima u l-kumpanija tiegħu kienu qed jippretendu l-ħlas u l-eżekuzzjoni ta' kull kambjala ffirmata mill-konvenuti b'rabta mal-ftehim oriġinali, filwaqt li l-konvenuti sostnew li dawk il-kambjali kienu fil-verità garanzija għall-obbligazzjonijiet assunti mill-konvenuti fi ftehim datat 2 t'April 1996;

- kien minħabba din it-tilwima, li minnha nibtu wkoll proċeduri oħrajn li wkoll ġew deċiżi, li saret il-kawża oriġinali li wasslet għas-sentenza tad-29 ta' Marzu 2023. Il-konvenuti ritrattati riedu li l-Qorti tasal biex tillikwida l-ammont residwali dovut minnhom;

- dan l-ammont residwali ġie likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-somma ta' €88,500, li però ma akkordat ebda imgħax lill-atturi ritrattandi."

11. Fost l-aggravji li ġew sollevati mill-atturi ritrattandi fl-appell tagħhom, kien hemm ir-raba' aggravju li kien dwar in-nuqqas tal-Qorti tal-Ewwel Istanza li takkordalhom l-imgħax fuq l-ammont likwidat. Dwar dan l-aggravju, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Marzu 2023 irraġunat hekk:

> "32. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju għandu mis-sewwa u li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta m'ordnatx il-ħlas ta' imgħaxijiet legali fuq is-somma likwidata minnha. Kif intqal fis-sentenza **Costantino Abela v. George Azzopardi** (Appell, 07/10/2005):

"Anki fl-att ta' citazzjoni fejn ma ssirx talba sabiex fuq il-kapital mitlub jiddekorri l-imghax, il-Qorti xorta wahda tista' tikkundanna lill-konvenut ihallas il-kapital bl-imghax.
Dana qed jinghad in vista ta' dak illi jipprovdi s-subartikolu tnejn (2) ta' l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili.
[…]
Talba b'citazzjoni tammonta ghal "sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju" u allura titqies li tinkludi talba ghall-imghax.
Il-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri ope legis l-imghax fuq l-istess kapital".

33. Il-Qorti ma taqbilx però mal-appellanti li dawn l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti iżda mid-data tan-notifika lill-attur tat-talbiet rikonvenzjonali. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina v. Andrew Mamo noe** (Appell, 19/11/2001):

"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju in illiquidis not fit mora, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. […] …il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad **l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur**, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat". [enfażi ta' din il-Qorti]

34. Huwa minnu f'dan il-każ li l-attur kien aċċetta li kien responsabbli għal danni favur il-konvenuti rikonvenzjonanti. Mill-atti jidher però li huwa kien qiegħed jammetti danni f'ammont ta' Lm30,000 (ekwivalenti għal ċirka €70,921.99). Min-naħa tagħhom il-konvenuti rikonvenzjonanti kienu qed jippretendu ammont ta' aktar minn Lm70,000 fir-risposta maħlufa tagħhom. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom din il-pretensjoni ġiet aħjar imfissra b'dan il-mod:

"…Joseph Camilleri għandu jiġi ordnat iħallas is-somma ta' €49,499.10 rappreżentanti l-valur ta' erbgħin (40) kambjala kif ukoll is-somma ta' €162,997.76 rappreżentanti l-valur ta' mija u erbgħin (140) kambjala, u dan oltre d-danni reklamati permezz tat-talbiet rikonvenzjonali tal-esponenti u b'mod partikolari oltre t-telf tas-somma ta' Lm6,000, illum ekwivalenti għal €13,976.23 per annum li kienet tkun altrimenti dovuta lil Joe Grima bħala konsulent tal-istazzjon għall-perjodu ta' ħames snin oriġinarjament prospettata fil-ftehim oriġinali".

35. Għalhekk il-pretensjoni tal-konvenuti rikonvenzjonanti kienet fl-ammont totali ta' ċirka €268,401.78. Din is-somma hija ferm 'il bogħod minn dik likwidata mill-Ewwel Qorti, b'mod illi ma jistax jingħad illi l-attur ma kienx qiegħed jirrifjuta li jħallas bi skuża li l-ammont ma kienx għadu determinat ġudizzjarjament, u anzi jikkonferma li mhuwiex b'xi kapriċċ tal-konvenut li l-partijiet ma laħqux ftehim dwar l-ammont preċiż li kellu jitħallas mill-attur. Għaldaqstant f'din il-kawża ma jirrikorrux dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom iwasslu lill-Qorti biex ma tapplikax il-prinċipju *in illiquidis non fit mora*.

36. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ parzjalment."

12. L-atturi ritrattandi issa qed jitolbu t-tħassir ta' din il-parti tas-sentenza tad-29 ta' Marzu 2023 bis-saħħa tal-paragrafi (e) u (l) tal-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dawn id-dispożizzjonijiet jgħidu hekk:

"811.Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

...

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;
għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;

...

> (l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.
>
> Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."

13. Fuq iż-żewġ kawżali ta' ritrattazzjoni, id-dottrina legali u l-ġurisprudenza huma konsistenti.

14. Dwar dak li jikkostitwixxi applikazzjoni ħażina tal-liġi intqal:

> … biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu vvalutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok għar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-liġi flok dispożizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. Jekk jirriżulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ, xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-liġi l-ħażina għall-każ, u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin[2]

15. F'dan is-sens, il-ġurisprudenza u l-liġi tagħna segwew għalhekk it-tagħlim ta' ġuristi kontinentali dwar din il-materja. ***Mattirolo*** jispjega li: «*Fra violazione e falsa applicazione della legge corre una differenza. La violazione è la negazione diretta del precetto legislativo: la falsa*

[2] Ara ***Reginald Micallet et noe. v. Godwin Abela et noe*** (Appell Superjuri, 3/6/1994); ***AIC Joseph Barbara v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici*** (Appell Superjuri, 17/2/2003); ***Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D*** (Appell Superjuri, 5/10/2001); ***Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri*** (Appell Inferjuri, 27/3/2003); ***Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et*** (Appell Superjuri, 10/10/2003).

*applicazione sta nell'erroneità del rapporto tra le legge ed il fatto; viola la legge chi apertemente ne disconosce il significato; la applica falsamente quegli, che, pur ritenuto il vero senso della medesima, la applica a fatti che non sono compresi nella sua disposizione. – Cosi, ad esempio, la sentenza, la quale dichiari potersi con patto privato derogare alla competenza per ragione di materia, di valore o di grado, contiene una violazione di legge: la sentenza, invece, che applica ad un contratto di locazione le norme regolatrici del contratto di vendita, contiene una falsa applicazione di queste norme. – E qui è a notarsi come la falsa applicazione può anche essere indiretta, consistere cioè nell'applicazione al fatto di leggi, che erroneamente si sia preteso di estendere per analogia a casi diversi*»[3].

16. Konformement ġie mfisser illi «*Il-Liġi tgħid li ma jkunx hemm l-applikazzjoni ħażina tal-liġi meta tkun qamet kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-liġi li trid tiġi applikata u l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni fuq l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni. L-ipotesi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, tikkonkreta ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' liġi espressa u ċara u mhux soġġetta għall-interpretazzjoni, razzjoċinji jew argumenti*" (***Gloria Pont vs. J.L.J Construction Company Limited***, Appell Superjuri, 6/10/2009).

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (1904), Vol.IV, §1030.

17. L-atturi ritrattandi jsostnu li l-Qorti tal-Appell applikat il-liġi l-ħażina, għaliex għall-każ kellha tapplika l-artikoli 1139 u 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili. Huma jagħmlu bosta sottomissjonijiet biex jargumentaw illi l-obbligazzjoni tal-konvenuti ritrattati kienet kummerċjali, u għalhekk skont il-liġi l-imgħaxijiet kellhom jibdew jgħaddu minnufih u mhux mal-likwidazzjoni, kif deċiż fis-sentenza mpunjata.

18. Qabel xejn, din il-Qorti tosserva li dawn l-argumenti tal-atturi ritrattandi diġà saru minnhom fir-rikors tal-appell, u għalhekk ġew ikkunsidrati minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fis-sentenza tad-29 ta' Marzu 2023. Huwa prinċipju miżmum li proċeduri ta' ritrattazzjoni m'għandhom qatt iservu bħala xi forma ta' appell ulterjuri (ara ***Data Express Limited vs. Atlas Insurance Agency Limited pro et noe***, Appell Superjuri, 13/5/2013).

19. Din il-Qorti jidhrilha li d-dispożizzjonijiet tal-liġi msemmija mill-atturi ritrattandi għal finijiet tal-artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ġew debitament ikkunsidrati u applikati minn din il-Qorti fis-sentenza tad-29 ta' Marzu 2023. L-artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili bl-aktar mod ċar jirreferi għal fattispeċi fejn l-obbligazzjoni tkun tikkonsisti mill-ħlas ta' somma <u>determinata</u>. Fil-każ odjern, il-Qorti tal-Appell kif diversament komposta dehrilha li l-obbligazzjoni tal-konvenuti ritrattati ma kinitx tikkonsisti minn obbligazzjoni ta' dik ix-xorta. L-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili min-naħa l-oħra jgħid li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta

kummerċjali jew inkella fejn il-liġi tipprovdi li l-imgħax jgħaddi *ipso iure*, mela l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni tista' tiġi eżegwita. U l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha, dehrilha li l-obbligazzjoni tal-konvenuti ritrattati ma setgħetx tiġi eżegwita qabel ma tiġi likwidata ġudizzjarjament.

20. Ma jirriżultax, mill-korp tas-sentenza mpunjata, li l-Qorti tal-Appell applikat il-liġi l-ħażina. Il-prinċipju msejjaħ *in illiquidandis non fit mora* huwa wkoll parti ntegrali mil-liġi tagħna, li jsib in-nisel tiegħu fid-dritt Ruman, kif sewwa traċċjat fid-deċiżjoni ***Victor Savona pro et noe vs. Dr. Peter Asphar et*** (Appell Superjuri, 23/6/1952)[4], u li wara kollox huwa wkoll rifless fid-dispożizzjonijiet ċitati mill-atturi ritrattandi, li lkoll jikkondizzjonaw id-dekorrenza tal-imgħaxijiet għall-fatt li l-obbligazzjoni tkun dwar somma determinata, jew inkella tkun fi stat li tista' tiġi eżegwita. Fl-eżami tagħha tal-fatti, l-Qorti tal-Appell, kif diversament komposta, dehrilha li l-obbligazzjoni tal-konvenuti ritrattati ma setgħetx tiġi eżegwita qabel il-likwidazzjoni, u minn dik il-konklużjoni mhux mogħtija mil-liġi r-ritrattazzjoni.

21. Ġie bosta drabi osservat li:

> "Huwa paċifiku illi biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi wieħed ma jistax jeżamina mill-ġdid il-fatti tal-kawża jew jerġa' jinterpretahom. Vide "**Francesco Saverio Borg –vs- Paul Bugeja et**", Appell 7 ta' Ottubru 1996, "**Joseph E. Grech –vs- Joseph Bowman noe**", Appell 7 ta'

[4] Kollezz. Vol.XXXVI.i.181.

> Ottubru 1997; "**Joseph Tabone noe –vs- John Mousu` pro et noe**", Appell, 12 ta' Diċembru 2001 fost bosta oħrajn[5]"

22. Fl-istess sens, u riċentement, ġie ribadit fil-kawża ***HSBC Bank Malta plc vs. Tal-Barrani Company Limited et*** (Appell Superjuri, 14/12/2022):

> "Minbarra dan, huwa wkoll importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh li biex jista' jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata (ara ***Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar, 2022)."

23. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Joseph Micallef vs. George Pavia*** (Appell Superjuri, 8/11/1993)[6]: «*Tajjeb jingħad – għax rilevanti għall-każ in eżami – illi jekk l-****interpretazzjoni*** *tal-fatti, il-****valutazzjoni*** *u l-****apprezzament*** *tal-provi, ma jagħtux lok għal ritrattazzjoni in kwantu dawn huma attributi li jispettaw esklussivament lill-ġudikant li jissindika u jiddeċidi l-mertu, multo magis ma jagħtix lok għal ritrattazzjoni l-eżerċizzju ta'* ***diskrezzjoni*** *u* ***ġudizzju*** *mill-ġudikant mogħti lilu espressament mil-Liġi*». Huwa għalhekk inutili li l-atturi ritrattandi jikkritikaw il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza mpunjata billi jsostnu li l-imgħax jibqa' dovut mill-bidu għaliex il-konvenuti ritrattati naqsu milli jiddepożitaw l-ammont offrut minnhom. Dik hija ċirkostanza ta' fatt li kellha tiġi apprezzata u valutata mill-Qorti fid-deċiżjoni tagħha dwar l-aggravju tal-

[5] ***Michael Cutajar vs. Roberta Muscat*** (Appell Inferjuri, 12/5/2003).
[6] Kollezz. LXXVI.ii.326.

atturi ritrattandi, u ma tista' qatt twassal għat-tħassir ta' dik id-deċiżjoni abbażi tal-artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fuq kollox, id-dispożizzjonijiet stess ċitati mill-atturi ritrattandi a tenur tal-artikolu 816 ma jgħidu xejn dwar l-obbligu tal-offerent li jiddepożita f'każ ta' rifjut.

24. Kif intqal, fis-sentenza mpunjata l-Qorti tal-Appell, kif diversament komposta, applikat il-liġi t-tajba għall-fatti li stabbiliet hi, u l-kritika tal-atturi ritrattandi essenzjalment tikkostitwixxi nuqqas ta' qbil mal-mod kif dik il-liġi ġiet applikata għall-fatti li kellha quddiemha l-Qorti. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ċertament li m'hemm ebda lok ta' ritrattazzjoni a tenur tal-artikolu 811(e).

25. Dwar l-artikolu 811(l), jinsab mgħallem li huma ħamsa l-elementi li jridu jikkonkorru biex tkun ġustifikata talba taħt dik id-dispożizzjoni, u ċjoè:

> "1º Che si tratti di un errore materiale di fatto, e non di errore di criterio o di interpretazione; 2º Che l'errore risulti dagli atti e documenti della causa; onde e' assolutamente inammessibile la produzione di nuovi atti o documenti per fornire la prova di detto errore; 3º Che lo stesso errore sia manifesto, cioe' tale da emergere dal semplice confronto fra le dichiarazioni della sentenza e gli atti e documenti della causa, sicche' apparisca prodotto esclusivamente da semplice inavvertenze del giudice; 4º Che l'errore abbia determinato la decisione del giudice; vale a dire, che il medesimo costituisca il fondamento principale della sentenza; per la qual cosa, non si farebbe luogo alla revoca della sentenza, la quale, tuttoche' viziata da manifesto errore di fatto, pure si sorregga sopra altre ragioni indipendenti da quella erronea; 5º Che finalmente, l'esistenza o l'inesistenza del fatto, intorno a cui erro' manifestamente il giudice, non abbia formato un punto di controversia tra le parti, sul quale la sentenza abbia pronunziato. – Avvertasi pero' che

> la controversia suppone il contraddittorio e la discussione delle parti; onde non puo' dirsi che costituisca un punto controverso (da impedire la revocazione) la sola affermazione o negazione di un fatto per parte dei contendenti, senza che l'altro ne abbia contestata o sostenuta l'esistenza[7]"

26. Dawn il-prinċipji ġew konsistentement applikati fil-ġurisprudenza tagħna (ara, ad eżempju, ***Gaetano Mifsud vs. Gaetano Zahra***, Appell Superjuri, 18/6/1954[8]; ***Marie-Louise Muscat Inglott sive Marie-Louise Muscat Manduca et vs. Louis Manduca***, Appell Superjuri, 6/12/2002). Dawn l-elementi ġew ukoll sewwa riepilogati mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet ***John Zammit et vs. Michael Zammit Tabona et pro et noe*** (22/1/2001) kif ġej:

> "1. "Secondo questa disposizione l'errore che puo' costituire motive di ritrattazione deve essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione" (Vol. XXV, P.I, P.140).
>
> 2. "Come venne ritenuto da questa Corte il 17 novembre, 1920, in re "Gauci vs Fenech" (Collez. Vol. XXIV-I-609), l'errore di fatto perche' possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e'stato appreso dal giudicante. Perche' l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindacabile convincimento del giudice. L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata". (Vol. XXVII-I-434)
>
> 3. "Jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni mpunjata, mhix ammessa r-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u interpretazzjoni tal-fatti ma humiex

[7] ***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (1904), Vol.IV, §897.
[8] Kollezz. Vol.XXXVIII.i.323.

> sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni". (Vol. XLI-I-47)
>
> 4. "Evidentement, ir-ritrattandi ma jaqblux ma' l-apprezzament u ma' l-interpretazzjoni li tinsab fis-sentenza appellata …………………………. Pero', din ic-cirkostanza ma taghtix lir-ritrattandi d-dritt li jimpunjaw is-sentenza fuq il-bazi tas-subinciz (l) ta' l-artikolu 811, billi l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti tal-kawza ma humiex sindakabbli u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni". (Isidoro Agius vs Guseppi Bugeja et, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Gunju, 1995)
>
> 5. "Illi skond id-disposizzjoni tal-ligi citata, kawza tista' tigi ritrattata "jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawza. U skond dak li jinghad fit-tieni paragrafu ta' dak l-inciz, jitqies li hemm dan l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun, bla ebda dubju, eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li, fil-kaz 'il wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz fis-sentenza". Gie invarjabbilment deciz minn Qorti Suprema taghna li l-izball ta' fatt li jaghti s-sostratt ta' ritrattazzjoni ghandu jkun materjali u tali li minhabba mera inavvertenza ikun induca lill-gudikant jissoponi fatt inkontrastabbilment eskluz jew jissopponi inesistenti fatt pozittivament stabbilit. Il-ligi li tirrikjedi li zball li jirrizulta minn atti jew minn dokumenti tal-kawza, tissopponi li gudikant ghal inavvertenza materjali ma jkunx ikkonsultahom."

27. Fir-rikors tagħhom, l-atturi ritrattandi jsostnu li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Marzu 2023 inkorriet fi żball ta' fatt meta qieset li l-atturi fil-proċeduri oriġinali, u ċjoè l-konvenuti ritrattati f'din il-proċedura, kienu aċċettaw ir-responsabbilità tagħhom għad-danni favur Grima u l-kumpanija tiegħu, u li kienu ammettew li kienet dovuta minnhom is-somma ta' Lm30,000. L-atturi ritrattandi jsostnu li dan huwa żball, għaliex min-nota tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuti ritrattati kontra r-rikonvenzjoni dedotta kontrihom fil-proċeduri oriġinali, jirriżulta biss li dawn kienu qed jikkontestaw kull responsabilità tagħhom.

28. Din il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom għar-rikonvenzjoni dedotta kontrihom, il-konvenuti ritrattati assumew difiża fis-sens li kkontestaw għal kollox l-istess rikonvenzjoni, wieħed ma jridx jinsa li l-kawża in kwistjoni kienet inbdiet mill-istess konvenuti ritrattati bl-iskop preċiż li jiġu likwidati l-obbligazzjonijiet residwali tagħhom naxxenti mill-ftehim tat-2 ta' April 1996. Fl-att taċ-ċitazzjoni, il-konvenuti ritrattati ddikjaraw skjettament li «*...l-atturi eżegwew dawk l-obbligi li kienu fi grad li jeżegwixxu iżda baqgħu moruż fir-rigward ta' uħud minn tali obbligazzjonijiet*». Din hija ammissjoni ċara ta' morożità u ta' inadempjenza, li tintrabat sewwasew mat-talbiet magħmula fl-istess ċitazzjoni għal-likwidazzjoni ta' dak li l-atturi – issa konvenuti ritrattati – kellhom jagħtu lill-parti l-oħra.

29. Fuq kollox, imbagħad, kienu l-atturi ritrattandi stess li, fir-rikors tal-appell tagħhom, għarfu u qablu li l-konvenuti ritrattati kienu aċċettaw ir-responsabiltà tagħhom. Ma jistgħux issa l-atturi ritrattandi jagħmlu pass lura u jippruvaw ibiddlu dak li ma kienx minnhom kontestat waqt it-trattazzjoni tal-appell.

30. Għalhekk din il-premessa ta' fatt magħmula mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Marzu 2023 mhijiex żbaljata, u anzi jirriżulta li kienet radikata minn eżami sħiħ tal-atti li bihom inbdew u tkomplew il-proċeduri oriġinali.

31. L-atturi ritrattandi jsostnu wkoll li l-Qorti nkorriet fi żball ta' fatt ieħor meta qieset li s-somma likwidata mill-Qorti tal-Ewwel Istanza, u ċjoè s-somma ta' €88,500, kienet sostanzjalment daqs l-ammont offrut mill-konvenuti ritrattati, u ċjoè €70,921. Huma jissottomettu li d-differenza ta' madwar tmintax-il elf ewro ma tistax titqies mhux sostanzjali, u anzi kellha twassal lil din il-Qorti, kif kienet diversament komposta, għall-konklużjoni differenti milli fil-fatt waslet għaliha.

32. Fis-sentenza mpunjata mkien ma jingħad li d-differenza bejn dak offrut mill-konvenuti ritrattati u dak likwidat fis-sentenza tal-Ewwel Istanza kien sostanzjalment l-istess. Dak li ntqal huwa li dawn iż-żewġ ammonti kienu t-tnejn ferm u ferm 'il bogħod mill-ammont ta' €268,401.78 li kien qed jiġi pretiż mill-atturi ritrattandi. U għaliex kien hemm din id-differenza kbira bejn dak likwidat u dak pretiż, il-Qorti tal-Appell dehrilha li l-konvenuti ritrattati kienu ġustifikati li ma jħallsux, u anzi ma setgħux iħallsu qabel saret il-likwidazzjoni permezz tas-sentenza tal-Ewwel Istanza. Din hija konsiderazzjoni għal kollox differenti minn dik prospettata mill-atturi ritrattandi.

33. Skont is-sentenza mpunjata, il-fatt li kien <u>determinanti</u> għad-deċiżjoni ma kienx il-qrubija bejn l-ammont likwidat u l-ammont offrut mill-konvenuti ritrattati, imma d-differenza notevoli bejn l-ammont likwidat u l-

ammont pretiż mill-atturi ritrattandi. Kienet din id-differenza notevoli li, fil-ħsieb tal-Qorti tal-Appell, iġġustifikat ir-rifjut tal-konvenuti ritrattati li jħallsu, bil-konsegwenza li sakemm l-ammont tassew dovut ġie likwidat, ma kellhomx jiddekorru imgħaxijiet.

34. Għalhekk dan l-argument tal-atturi ritrattandi, in kwantu dirett lejn "fatt" mhux determinanti tas-sentenza mpunjata, ma jista' qatt jirnexxi.

35. Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha hawn fuq spjegati, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi ritrattandi għat-tħassir tas-sentenza tad-29 ta' Marzu, 2023 u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell tagħhom, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Grazio Mercieca
Aġent President

Josette Demicoli
Imħallef

Mark Simiana
Imħallef

Deputat Reġistratur
jb